MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 899/1994/1

**Gaetano Sammut ghan-nom u in rappresentanza ta' Sammut Concrete Supplies Limited**
**Vs**
**George Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress li favur l-attur nomine jesisti kreditu kontra l-konvenut u dan fis-somma ta' elf tmien mija u seba u tmenin lira maltin u sitt centezmi rappresentanti prezz ta' ready-mix concrete lilu mibjugh u kkonsenjat fuq ordni tieghu;

Peress li minghajr ragunijiet validi fil-ligi ma giex affettwat il-pagament dovut mill-konvenut lill-attur nomine u ghalhekk ghad hemm id-debitu mhux imhallas;

Ighid ghalhekk il-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tikkundanna lill-konvenut ghall-pagament lill-attur nomine fis-somma ta' elf tmien mija u seba u tmenin lira maltin u sitt centezmi rappresentanti prezz ta' ready-mix concrete lilu mibjugh u kkonsenjat fuq ordni tieghu;

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kunsinnja u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi huwa minnu li l-eccipjent ma hallasx l-ammont mitlub pero' dan billi l-ftehim kien li l-attur jiccertifika tramite l-perit tieghu li concrete supplit kien skond il-kwalita pattwita u adatta biex jsir is-saqaf li ghamel l-eccipjent fil-fond "Greenfinch" Triq il-Kultellazz, Mosta.

Illi tali certifikat ghalkemm kien pattwit bejn il-partijiet, qatt ma gie supplit u konsegwentement t-talba tal-attur noe hija intempestiva.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonanti li permezz taghha ppremetta u talab hekk:

Illi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Peress illi l-konvenut ordna minghand l-attur nomine kwantita ta ready mix concrete sabiex jintuza ghas-saqaf li kien qed jaghmel fil-fond "Greenfinch" Triq il-Kultellazz, Mosta.

Peress illi ghalkemm gie supplit l-concrete, wara xi zmien l-konvenut beda jinnota kwantita kbira ta xquq fl-istess saqaf.

Peress illi l-konvenut inkariga lil-perit tieghu l-Perit Edwin Mintoff li informah illi dawn l-ixquq kienu dovuta ghat-tahlita hazina fir-ready mix concrete.

Peress illi l-attur innega dan u informa lil-konvenut li l-Perit tieghu, cjoe l-Perit Italo Raniolo kien tal-opinjoni li l-concrete kien tajjeb u konsenjat skond is-sengha u l-arti. Illi l-attur anke obbliga ruhu li jipproduci certifikat bil-miktub f'dan is-sens mil-Perit Raniolo, liema certifikat qatt ma gie prodott lil-konvenut.

Peress illi minhabba li l-concrete m'hux skond l-kwalita pattwita u m'hux adatt ghal-iskop li ghalieh gie ordnat, l-konvenut sofra danni konsiderevoli:

Ghaldaqstant jghid l-attur ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-concrete li gie supplit ma kienx tal-kwalita pattwit u ma kienx adatt ghal-iskop li ghalih gie ordnat

2. tiddikjara null u bla effett l-bejgh u konsegwenti konsenja tal-concrete ready mix fuq imsemmi;

3. tiddikjara lill-attur nomine responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut

4. tillikwida l-istess danni liema likwidazzjoni ghandha tikkomprendi kull hlas akkont li sar fuq l-konsenja in kwistjoni

5. tikkundanna lil-attur nomine jhallas lil-konvenut s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine komprizi dawk ta ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu 1994 liema attur noe huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok mhiex moghtija l-azzjoni ta' rikonvenzjoni fuq il-kaz in ezami;

2. Illi fit-tieni lok t-talbiet huma infondati fuq fatt u fid-dritt peress illi l-attur Gaetano Sammut noe kkonsennja concrete skond l-arti u s-sengha u ta' kwalita tajba u dik pattwita u li hawn fis-suq u ghalhekk ma hux responsabbli tal-lamenteli li qed jgib 'l quddiem il-konvenut George Portelli;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat id-digriet tat-28 ta' Ottubru 1994 li permezz tieghu gie nominat peirt tekniku l-AIC Dr.Alex Torpiano, kif ukoll id-disposizzjoni moghtija mill-istess espert fil-11 ta' Gunju 1998[1];
Rat id-digriet tal-21 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu kienet giet nominata l-Avukatessa Dottoressa Veronica Galea Debono bhala Perit Legali;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi dan il-kaz jorigina minn ordni maghmula mill-konvenut lill-attur nomine ghal konsenja ta' ready mix concrete ghas-soqfa ta' zewgt ikmamar u kuritur f' post li kien qed jinbena mill-istess konvenut. Il-prezz pretiz mill-attur u li l-quantum tieghu mhux kontestat mill-konvenut huwa ta' Lm1,887.06c. Huwa ammess mill-attur li l-concrete kien destinat ghas-soqfa.[2]

Illi wara li tlestew dawn is-soqfa tfaccaw konsenturi u qamet il-vertenza bejn il-partijiet dwar il-kwalita' tal-konkos supplit mill-attur lill-konvenut. Filwaqt li l-attur jsostni li l-concrete ddghajjef ghax thalla jdur ghal zmien twil minn naha tal-konvenut, jew tal-haddiema tieghu, il-konvenut

[1] Fol.59 *et seq.*
[2] Fol.90

jsostni li l-konkrete supplit mill-attur kien ta' kwalita' inferjuri.

Illi fix-xhieda tieghu l-attur spjega li wara li ghaddiet xi sena l-konvenut ilmenta mieghu li kienu qedin jidhrlu xquq fis-soqfa moghtija b' dik it-tahlita. Minn naha tieghu l-konvenut spjega, u l-Qorti hija propensa li taghti affidament ghall-versjoni tieghu, li meta twitta l-konkos dak in-nhar stess ra li kellu kulur hamrani u immedjatament cempel lill-attur biex jgharrfu li kien hemm xi problema fil-materjal supplit minnu. L-attur minn naha tieghu qallu li dik ma kienitx problema. Meta gie zarmat l-armar is-saqaf beda jinqasam minn that. Cio nonostante, l-attur baqa' jsostni li kien tajjeb u kien weghdu li jigib certifikat ta' Perit f' dan is-sens, izda ghalkemm ghadda z-zmien dan ic-certifikat ma giex prodott

Illi sadanittant il-konvenut kompla jlesti x-xoghol in bazi [1] tal-assikurazzjoni da parti tal-attur li s-soqfa kienu tajbin, [2] kif ukoll ghax kien committed man-nies u kien qed jghaddi z-zmien. Fil-fatt fi kliem il-konvenut: "Wara .. nahseb sitt jew tmien xhur li lestejt il-bini kollu, minn hemm u minn hawn gabu dan il-Perit."[3] Sadanittant il-Perit Edwin Mintoff inkarikat mill-konvenut kien gja ikkonstata li s-soqfa ma kienux tajbin, izda skond il-konvenut, dana kien ppreparat li jaccettahom jekk il-Perit Italo Raniolo inkarigat mill-attur jiccertifahom bil-mitkub. Dan ic-certifikat ma wasal qatt.

In propositu ghal-kwalita' ta' materjal uzat, il-Perit Alex Torpiano, perit tekniku, li ha kampjuni tal-konkrete uzat, iccertifika fid-deposizzjoni tieghu b' mod car u kategoriku li l-concrete supplit kien ta' kwalita' "baxxa hafna"[4]. Tant kien baxx "illi dan probabilment m' ghandux cement" u ghalhekk l-espert eskluda li l-konkrit sar hekk minhabba li zdiedlu ilma zejjed jew li thalla jdur. Mill-kostatazzjonijiet u konkluzzjonijiet tal-espert tekniku jirrizulta ampjament provat li l-hsara li sviluppat fis-soqfa tal-konvenut ma kienitx attribwibbli ghal xi nuqqas minn naha tieghu jew

[3] Fol.151
[4] Fol.62

tan-nies inkarigati minnu, izda kienet dovut ghal kwalita' hazina tal-materjal supplit lilu mill-attur.

Illi fil-kontro talba tieghu tieghu l-konvenut qed jsostni li rizultat tal-materjal supplit mill-attur huwa ser isofri danni ammontanti ghas-somma ta' Lm6,250, rapprezentanti Lm1,500 spejjez ta' demolizzjoni u Lm550 spejjez ta' materjal relatat; u l-kumplament xoghol u spejjez relatati mad-dawl u ilma, kmamar tal-banju, madum u tikhil u zebgha; u dan skond stima maghmula mill-Perit Edwin Minfott datata 5 ta' April 2004 li giet esebita bhala dokument K1[5] u li giet konfermata minnu bil-gurament u li ma gietx kontradetta la fin-natura tax-xoghol involut u lanqas fil-quantum taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
***Talba attrici***
Illi rigward it-talba attrici ma hemm dubbju li mill-provi rrizulta sodisfacentement li l-materjal supplit mill-attur lill-konvenut kien ta' kwalita' inferjuri hafna u mhux addattat ghall-uzu destinat, u f' dawn ic-cirkostanzi l-konvenut kien perfettament fid-drittijiet tieghu naxxenti mill-Artikolu 1390 tal-Kap.16 li jirrifjuta dak il-materjal u jesigi li s-saqaf jerga' jsir b' materjal supplit mill-attur u a spejjes tal-istess attur.

In tema legali jigi osservat li "Il-bejjiegh ghandu fuq kollox zewg obbligi, jigifieri li jikkunsinna u li jiggarantixxi l-haga mibjugha. Fil-kaz ta' immobbli, il-kunsinna ssir ipso jure mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt [1379] u l-haga mibjugha ghandha tigi kkunsinnata fl-istat li kienet tinstab fiz-zmien tal-bejgh [1393]. Naturalment, ix-xerrej ghandu kull dritt li jaghzel li jew jirrifjuta l-haga, f' liema kaz jista' jitlob wkoll id-danni subiti, jew jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit, jekk il-haga mibjugha lilu konsenjata ma tkunx tal-kwalita' mweghda [1390].[ App.Civ. Joseph Vassallo et vs Anthony Borg[2000] Vol.LXXXIV.II.435]
Jigi osservat fil-meritu li l-konvenut ma kienx fil-posizzjoni li jikkonsenja lura l-materjal malli rcevieh, stante li qabel meta twitta s-saqaf ma setax jinduna, jew alemnu jissuspetta, li l-materjal supplit lilu ma kienx ta' kwalita'

[5] Fol.159

tajba. Suspett li beda jirrizulta fondat meta zzarma l-armar u bdew jidhru x-xquq, u li l-fondatezza tieghu giet accertata meta l-Perit tal-konvenut qallu biex iwaqqghu ghax ma kienx tajjeb.[6]

Illi gialadarba l-materjal irrizulta mhux tal-kwalita' pattwita, anzi ta' kwalita' tant inferjuri li ma kienx addattat ghall-uzu li ghalih kien destinat, u dan nonostante l-konoxxenza da parti tal-attur ghall-iskop tal-uzu, il-Qorti hi tal-fehema li l-eccezzjoni tal-konvenut hi fondata fil-fatt [minhabba l-kondizzjoni tal-materjal supplit lilu] u fid-dritt in vista tad-dritt akkordat lilu fl-Artikolu 1390 li jirrifjuta l-haga u jippretendi d-danni konsegwenzjali.

***Kontro talba***

Illi permezz tal-procedura rikonvenzjonali, l-konvenut qed jitlob [1] dikjarazzjoni gudizzjarja li l-konkrit suppliet ma kienx ta' kwalita' pattwita u adatt ghall-iskop li ghalih gie ordnat;
[2] dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt ta' bejgh;;
[3] dikjarazzjoni li l-attur nomine huwa responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;
[4] likwidazzjoni ta' dawn id-danni; u kundanna ghall-hlas tal-istess.

Illi jigi osservat li kif fuq indikat il-materjal supplit ma kienx ta' kwalita' pattwita u addett ghall-iskop intiz. Ghalhekk l-ewwel zewg talbiet huma gustifikati ai termini tal-Artikolu precitat.

Illi rigward it-talba dwar ir-responsabbilita' tad-danni konsegwenzjali da parti tal-attur nomine, ghandu jigi osservat li, ghalkemm dan ghandu jinzamm responsabbli tad-danni li sofra l-konvenut minhabba l-materjal hazin supplit minnu, minn naha l-ohra l-konvenut huwa marbut bl-obbligu li jimminimizza d-danni, ghax ghalkemm d-danneggjat ghandu d-dritt tar-restitutio in integrum b' mod li jirreintegra l-patrimonju tgieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz [App.Inf. Antonio Zammit vs Mario Calleja – 12.01.1977], minn naha tieghu d-

[6] Fol.150

danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragvjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt dannuz. Fi kliem l-agir tieghu ghandhu jibqa' fil-parametru ta' dak li hu prudenti u ragjonveli fic-cirkostanzi tal-kaz.

Fil-kaz in disamina, l-attur induna li l-konkos ma kienx tajjeb metta twitta fuq l-armar, u "s-saqaf kif zarmajnieh [l-armar] beda jaqsam minn that".[7] Dan ifisser li f' dan l-istadju ftit wara li zzarma l-armar il-hsara bdiet tidher. Il-konvenut ilmenta mal-attur, u meta dana mar jarah u qallu 'iva ma hi xejn' il-konvenut qal "ghidtlu l-Perit ma jridx soqfa maqsuma, ghidtlu l-konkos inqasam kif inqasam, jiftah hekk mhux tajjeb, ghidtlu l-Perit tieghi ma jridux."[8] Il-konvenut jghid li qabel din l-okkazzjoni, huwa kien gja kellem lil perit tieghu u dana qallu biex iwaqqa s-saqaf ghax ma kienx tajjeb.[9] Ghalhekk f' dan l-istadju l-konvenut kellu l-konferma kemm visiva li materjal ma kienx ta' kwalita' tajba kif ukoll konferma mill-perit tieghu stess.

Madankollu, huwa xorta baqa' ghaddej bix-xoghol l-iehor fil-post, nonostante li c-certifikat tal-perit tal-attur, imwieghed mill-istess attur, baqa' ma ngab qatt. Huwa kompla bix-xoghol tad-dawl u ilma, fil-kmamar tal-banju u tqeghid ta' madum. Fuq mistoqsija tad-difensur tal-kontro parti ghaliex il-konvenut baqa' ghaddej, dana irrisponda "Jiena kelli commitment man-nies u s-sur Sammut baqa' jghidli illi ha jgib c-certifikat. Fil-fatt gab il-perit[10] … Sakemm gie l-perit kien gja lest il-post.[11] Izda prova dwar x' tip ta' commitment kellu u jekk din kienitx tinvolvi hlas ta' penali jew spejjez ohra ma ngabux mill-konvenut li allega dan il-fatt.

Minn dan jirrizulta li l-konvenut, ghalkemm il-perit tieghu kien qallu li s-saqaf ried jitwaqqa' u nonostante li mill-bidu nett huwa kien konxju tal-fatt li kien hemm xi haga hazina fil-materjal, tant li meta tnehha l-armar is-saqaf beda jinqasam, il-konvenut xorta wahda hass li kellu jkompli

---

[7] Fol.149
[8] Fol.149
[9] Fol.150
[10] Fol.154
[11] Fol.156

bix-xoghol l-iehor u jkompli jghamel spejjez ohra, meta kien jaf li dak is-saqaf kien difettuz u kellu jitwaqqa'. In propositu l-Qorti tosserva li l-konvenut, malli nduna li s-saqaf kien difettuz minnhabba l-materjal uzat, u multo magis, malli l-perit tieghu qallu li s-saqaf kellu jitwaqqa' huwa kien obbligat li ma jkomplix bix-xoghol qabel ir-rizoluzzjoni ta' din il-kwistjoni li kellu mal-attur. Fil-fehema tal-Qorti ma kienx prudenti il-konvenut meta dana kompla jghamel xogholijiet ohra u jawmenta l-ispejjez, meta kellu dak il-kwadru tal-fatti quddiemu. Huwa kellu l-obbligu li jimminimizza d-danni, u mhux ikompli jaghmel spejjez u jawmenta d-danni konsegwenzjali. Jigi ribadit li l-konvenut ma gabx provi dwar il-mod kif minnu allegat huwa kien kommess man-nies, u jekk id-dewmien fil-kostruzzjoni kienx ser jimporta hlas ta' penali jew spejjez ohra. Ghalhekk in mankanza ta' tali prova, ma jirrizultax li kien hemm ostakolu jew fatti li ggustifikaw il-kontinwazzjoni tax-xogholijiet, qabel ma tigi rizoluta l-vertenza li kienet qamet dwar is-soqfa in kwistjoni.

In vista tal-premess, il-konvenut ma jistax allura jippretendi li jigi risarcit tad-danni kollha mitluba minnu, u senjatament ta' dawk id-danni li ma kienux konsegwenzjali ghall-azzjoni tal-attur.

Illi rigward l-quantum tad-danni pretizi mill-konvenut rikonvenzjonant, il-Qorti tirrileva li l-provi f' dan ir-rigward huma skarsi ghall-ahhar. Fil-fatt l-unici elementi ta' prova f' dan ir-rigward hija stima tal-Perit Edwin Mintoff u konferma tal-kontenut taghha [ut sic], minghjar eleborazzjoni ulterjuri. Minn naha l-ohra kif gja intqal dan l-aspett ma giex kontestat.

Minn ezami tal-istima tal-Perit Edwin Mintoff esebita bhala dokument K1 jidher li d-danni sofferti mill-konvenut u li fil-fehema tal-Qorti huma risarcibbli, huma dawk indikati that il-partiti [1] u [2], u cioe' Lm1,500 u Lm,550 – b' kollox Lm2,050, li jidhru li huma l-ispejjez mehtiega ghas-sostituzzjoni tas-soqfa in kwistjoni. Ghaldaqstant il-kumplament tat-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant ghandhom jintlaqghu limitatament ghal dan l-ammont.

Illi in fine in propositu ghal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-attur rikonvenzjonat li “mhijex moghtija l-azzjoni ta’ rikonvenzjoni fuq il-kaz in ezami” il-Qorti tosserva li fl-Artikolu 396 [a] tal-Kap.12 il-ligi tipermetti r-rikonvenzjoni fejn il-kontro talba tkun konnessa mat-talba tal-attur ghax “tkun gejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun fejja t-talba ta’ l-attur;” Issa ma hemmx dubbju li kemm it-talba tal-attur kif ukoll dik tal-konvenut jemanu mill-istess fatt u mill-istess rapport guridiku ezistenti bejniethom, u cioe’ il-bejgh tal-materjal mibjugh minn tal-ewwel lil tal-ahhar, il-kwalita’ ta’ dan il-materjal, kif ukoll il-kondizzjoni tas-soqfa maghmula minn dan l-istess materjal; u t-talba ghad-danni hija direttament relatata mal-ksur tal-obbligi kontrattwali da parti tal-attur nomine fil-konfront tal-konvenut. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara kif tali eccezzjoni tista’ treggi f’ dan il-kaz.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar <u>it-talba attrici</u> billi tichad l-istess talba bl-ispejjez; tiddeciedi dwar <u>il-kontro talbiet</u> tal-konvenut rikonvenzjonant billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, tilqa’ t-talbiet kif dedotti, tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-konvenut fl-ammont ta’ elfejn u hamsin lira maltin [Lm2,050], u tikkundanna lill-istess attur nomine jhallas lill-konvenut din is-somma ta’ Lm2,050 bl-ispejjez kif mitluba a kariku tal-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------